## TMIEN RAĠUNIJIET LOĠIĊI U SOLIDI GĦALIEX AĦNA NEĦTIEĠU LI NWARRBU T-TAGĦLIM FALZ U FATALI TAL-MILLENJALISTI

1. Matul l-elfejn sena li għadew, it-tbassir ta' dawk kollha li bassru jew stennew "it-tmiem" kien mija fil-mija ħażin u falliment totali!

2. Dawk li jinqabdu u jaċċettaw it-tagħlim falz tal-millenjalisti jistgħu jispiċċaw billi jagħmlu diċiżjonijiet li jagħmlu l-ħsara għall-ħajtihom. Xi wħud minn dawn biegħu kull ma kellhom u marru fuq il-muntanji, oħrajn xtraw xelters, waqqfu lil uliedhom mill-iskejjel, ħallew il-familji u l-ħbieb tagħhom u ħwejjeġ bħal dawn—dawn huma kollha azzjonijiet distruttivi li jistgħu **jħassru** l-ħajja ta' persuna.

3. Kristjani li jinqabdu fit-tagħlim falz tal-millenjalisti (per eżempju, billi jistennew ir-rapiment li jiġri f'data speċifika) jistgħu jispiċċaw li jkissru l-fidi tagħhom (u ta' oħrajn) fil-Bibbja (speċjalment fil-profezija) meta dak li huma jkunu qegħdin jistennew jonqos milli jsir!

4. Jekk wieħed jitlef il-kunfidenza u l-fiduċja fil-porzjonijiet profetiċi ta' l-Iskrittura, il-profezija biblika tieqaf milli tkompli tkun motivazzjoni għas-safa u għall-qdusija fil-ħajja ta' kuljum (ara Titu 2:12-14).

5. Kristjani li jinqabdu fit-tagħlim falz tal-millenjalisti jistgħu jkissru jew jagħmlu ħsara lill-fidi ta' emmiena **ġodda** jew li jkunu għadhom **mhux maturi biżżejjed** meta l-ġrajjiet imbassra jonqsu milli jitwettqu.

6. Il-millenjalisti li jbassru huma sensazzjonalisti fit-tbassir tagħhom, huma jippruvaw ibeżżgħu bil-gwerer, terremoti, mard, eċċ., imma s-sensazzjonaliżmu mhuwiex għall-Kristjan. Kristu jsejħilna biex ngħixu, moderatament, u biex nishru hekk kif aħna nistennew il-miġja tiegħu (Mark 13:32-37).

7. Kristjani li jinqabdu fit-tagħlim falz tal-millenjalisti jistgħu jagħmlu ħsara kbira għall-kawża ta' Kristu. Dawk li ma jemmnux jieħdu pjaċir iżebilħu u jiddieħku bi Kristjani li jkunu għamlu xi nventarju fi tbassir tat-tmiem taż-żmien u dan ifalli, ma jseħħx (speċjalment meta dati speċifiċi jkunu ġew applikati għall-ġrajjiet speċifiċi).

8. Iż-żmien għall-ġrajjiet tat-tmiem taż-żmien huwa f'idejn Alla, u aħna ma konniex mogħtija d-dettalji (Atti 1:7). Dwar it-tieni miġja ta' Kristu "huwa aħjar li aħna ngħixu bħallikieku Ġesù kien ġej illum u madankollu nippreparaw għall-futur bħallikieku Ġesù ma kienx ġej għal żmien twil. Imbagħad aħna nkunu lesti għaż-żmien u l-eternità!

Ħalli dawk kollha li jħobbu lil Kristu jgħidu **Amen!**